**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 372/2025**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**
**-Vs-**
**SAMUEL BORG**

**Illum, 8 ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **SAMUEL BORG** ta' nazzjonalita' Maltija ta' tmienja u tletin (38) sena, iben Ronald u Rita Borg nee' Ellul, imwieled il-Pieta', residenti ġewwa Binja Indipendenza Ent E, Fl 8, Triq id-9 Ta' Frar, 1799, San Ġwann, Malta u detentur tal-karta tal-Identità Maltija bin-numru 0434286M li ġie akkużat talli nhar it-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn l-erbgħa (04:00hrs) u s-sitta (06:00hrs) ta' filgħodu min ġewwa sit tal-kostruzzjoni ġewwa Triq tas-Sliem ġewwa l-Gżira, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:-

1. Ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus u liema serq huwa aggravat bil-ħin, bil-mezz u bil-valur, liem valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro

u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' **David Abela** u/jew persuna/persuni oħra u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 261 (b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

2. U talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilhu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' **David Abela** billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, jew separatament minnha, taħt l-artikolu 412Ċ u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li jkunu saru jew li jistgħu jsiru arranġamenti adatti għal trattament, sabiex toħroġ ordni ta' trattament fir-rigward ta' **Samuel Borg** ai termini ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta'Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputati tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tordna l-konfiska tal-istrumenti li servew jew li kienu maħsuba li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, u dan ai termini tal-Artikolu 23 Kapitolu 9 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semghet lill-Prosekuturi jaqraw l-akkużi u jikkonfermawhom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semgħet ix-xhieda ta' David Abela u x-xhieda ta' l-Ispettur Ian Azzopardi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2025 u rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-imputat fl-istess seduta tat-8 ta' Mejju 2025 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi kollha;

Semgħet lill-imputat jikkonferma din l-ammissjoni tal-ħtija anke wara li hija wissietu solennement dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u ta' dikjarazzjoni ta' ħtija, wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni u d-difiża jaqblu li għandha tingħata l-piena skont il-minimum mingħajr żieda minħabba l-addebitu tar-reċidiva;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tiegħu u l-addebitu tar-reċidiva kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reat kommess mill-imputat u l-fedina penali estremament voluminuża tiegħu li fiha xejn inqas minn ħamsa u għoxrin (25) paġna.

Fuq sejbien ta' ħtija għar-reat ta' serq aggravata bil-mezz, bil-valur taħt l-artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali u bil-ħin, isibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 278(3) tal-istess Kodiċi li jiddisponi li l-piena ma tistax tingħata fil-minimum. Maħduma bl-applikazzjoni tal-artikolu 20 tal-Kap. 9, il-piena minima li tista' tingħata fuq sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 278(3) tal-Kap. 9 hija ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn wieħed u għoxrin (21) xahar.

Iżda l-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat rreġistra ammissjoni bikrija ħafna, il-fatt illi ikko-opera bis-sħiħ mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom dwar ir-reat u l-valur mhux daqshekk sostanzjali tal-oġġetti misruqa. Qieset ukoll li l-Prosekuzzjoni u d-difiża saħqu li f'dawn iċ-ċirkostanzi ma għandhiex tiżdied il-piena minħabba l-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 50 u 298 tal-Kap. 9.

Mix-xhieda ta' David Abela u Dok. DA1, jirriżulta li l-valur tal-oġġetti misruqa huwa ta' €371.88 u għalhekk, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15A tal-Kap. 9 l-imputat għandu jiġi kkundannat iħallas kumpens lid-derubat f'dan l-istess ammont.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 20, 31, 49, 50, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 281(a) u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lil SAMUEL BORG ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u tal-addebitu tar-reċidiva u tikkundannah wieħed u għoxrin (21) xahar priġunerija effettiva.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas lil David Abela s-somma ta' tliet mija u wieħed u sebgħin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€371.88) b'kumpens għat-telf soffert b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat ta' serq aggravat, fi żmien tliet (3) xhur.**

**Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Għall-fini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu biex ma jimmolestax lil David Abela u lill-proprjeta' tiegħu taħt penali ta' elf Euro (€1,000) għal żmien tnax-il xahar.**

**Tordna wkoll li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**